



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/2290(INI)

22.5.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd – Komunikazzjoni Ġenerali
(2011/2290(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Isabella Lövin

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li reviżjoni fil-fond tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tal-UE hija meħtieġa, minħabba li ma rnexxilhiex tilħaq l-għanijiet tagħha għalkollox, internament u esternament, matul is-snin li ilha topera;
2. Ifakkar l-obbligu fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jstipula li l-Unjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-oġġettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża, b'mod partikolari, il-Politika Komuni tas-Sajd;
3. Jenfasizza li s-sajd sostenibbli u ż-żamma ta' stokkijiet fil-livelli li jistgħu jipproduċu Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY) ikunu ta' vantaġġ ambjentali, soċjali u ekonomiku kbir, għax l-ambjent ma jiġix degradat, il-komunitajiet tas-sajd ikollhom futur sigur, u s-settur tas-sajd iħalli l-qligħ mingħajr il-ħtieġa ta' appoġġ pubbliku; Isostni li l-applikazzjoni tal-approċċ ekosistemiku u prekawzjonarju u l-aqwa data xjentifika fit-tfassil tal-pjanijiet multiannwali għall-ġestjoni tas-sajd, kif ukoll l-iżguraw li l-PKS tikkontribwixxi sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb fl-ambjent marittimu sal-2020, bi qbil mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, huma essenzjali biex niżguraw is-sostenibilità ambjentali, ekonomika u soċjali fit-tul tas-settur tas-sajd Ewropew u biex nilħqu l-oġġettivi tal-istrateġija UE 2020;
4. Ifakkar li l-oċeani tad-dinja, permezz tas-sajd, mhux biss jipprovdu nutrizzjoni, sigurtà tal-ikel u għajxien għal 500 miljun persuna madwar id-dinja u li tal-anqas 50% tal-proteini mill-annimali għal 400 miljun persuna fl-ifqar pajjiżi, iżda huma wkoll ta' importanza kruċjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, huma l-akbar bjar tal-karbonju fit-tul, jipprovdu t-trasport, u jospitaw il-ħabitats ta' madwar 90% tal-ħajja fid-dinja;
5. Huwa mħasseb dwar id-dipendenza qawwija tas-swieq tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, peress li 60% tal-prodotti kollha tas-sajd użati fl-UE huma, fi grad sinifikanti, importati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jenfasizza li l-aħjar għażla biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet hija li l-istokkijiet tal-ħut jitħallew jirkupraw u jinżammu f'livell ogħla minn dak li kapaċi jipproduċi MSY;
6. Jenfasizza li prodotti importati tas-sajd u l-akkwakultura għandhom ikunu soġġetti għall-istess standards ambjentali, sanitarji u soċjali bħall-produzzjoni domestika Ewropea, inkluża t-traċċabbiltà sħiħa "mill-baħar sal-mejda", u huwa tal-fehma li pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw se jkollhom bżonn ta' għajjnuna finanzjarja u teknika sabiex jilħqu l-istess standards, iżda wkoll biex jiġġieldu b'mod effikaċi kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat;
7. Jopponi l-adozzjoni ta' skemi ta' Konċessjonijiet tas-Sajd Trasferibbli (TFCs), speċjalment f'RFMOs u fl-ilmijiet internazzjonali, meta jillimitaw il-possibilitajiet tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw f'termini tal-iżvilupp tas-setturi tas-sajd tagħhom;

8. Jopponi l-privatizzazzjoni tar-riżorsi tal-baħar; jikkunsidra li l-proposta għal ħolqien ta' suq ta' trasferiment tad-drittijiet tas-sajd bejn l-impriżi privati mhijiex aċċettabbli;
9. Jenfasizza li kwalunkwe aċċess għar-riżorsi tas-sajd fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jeħtieġu jirrispetta mhux biss l-Artikolu 62 tal-UNCLOS rigward eċċess fl-istokkijwt tal-ħut, iżda wkoll l-Artikoli 69 u 70 dwa id-drittijiet tal-pajjiżi fir-reġjun li jkunu mdawrin bl-art u ġeografikament żvantaġġati, speċjalment fir-rigward tal-ħtiġijiet nutrizzjonali u soċjoekonomiċi tal-popolazzjonijiet lokali;
10. Itenni l-kundizzjoni bażika tal-eċċess fl-UNCLOS fl-aċċess għall-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi; jenfasizza l-importanza li l-eċċess jiġi stabbilit b' mod xieraq u xjentifiku; jenfasizza li l-PKS jeħtiġilha tipprovdi għal trasparenza u skambju tal-informazzjoni kollha rilevanti bejn il-pajjiżi tal-UE u l-pajjiżi terzi sħab dwar l-isforz totali tas-sajd għall-istokkijiet ikkonċernati minn bastimenti nazzjonali, u, fejn rilevanti, barranin.
11. Itenni li l-futur tal-PKS jeħtieġu jkun iggwidat minn prinċipji ta' governanza tajba, li jinkludu, fost l-oħrajn, it-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, inkluż għall-valutazzjonijiet tal-Ftehimiet ta' Sħubija Sostenibbli (SFAs);
12. Jenfasizza li l-UE għandha tippromwovi l-ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli f'pajjiżi terzi u għalhekk jistieden lill-UE tintensifika l-azzjonijiet biex tiġġieled kontra attivitajiet tas-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat; jisħaq li Ftehimiet tas-Sajd Sostenibbli għandhom ikunu ffukati aktar fuq riċerka xjentifika u ġbir ta' data, monitoraġġ, kontroll u sorveljanza; għal dan il-għan, l-UE għandha tidderieġi lejn il-pajjiżi sħab appoġġ adegwat ta' natura finanzjarja, teknika u ta' riżorsi umani;
13. Itenni li l-PKS għandha tkun koerenti mal-politiki tal-iżvilupp u tal-ambjent, inkluż il-ħarsien ta' ekosistemi marittimi; jitlob, għalhekk, li tittieħed azzjoni biex ittejjeb u twessa' l-għarfien xjentifiku, kif ukoll li l-koooperazzjoni internazzjonali tissaħħaħ biex tiżgura prestazzjoni mtejbja;
14. Itenni li ċ-ċittadini kollha tal-UE, irrispettivament minn fejn joperaw, jeħtiġilhom josservaw ir-regoli u r-regolamenti tal-PKS, inklużi r-regolamenti ambjentali u soċjali tagħha.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Ricardo Cortés Lastra, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Catherine Grèze, Eva Joly, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Michèle Striffler, Alf Svensson, Eleni Theoharous, Ivo Vajgl
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Emer Costello, Enrique Guerrero Salom, Krzysztof Lisek, Isabella Lövin
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu